**20 ta' Marzu, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Joseph Chircop

*versus*

Anthony Pisani

**Nota ta' eċċezzjonijiet — Purgazzjoni tal-kontumaċja — Notifika — Nullità.**

***Mhux biżżejjed li l-konvenut juri li hu jrid jikkontesta t-talbiet ta' l-attur iżda hemm bżonn ukoll li hu jagħmel dak li l-liġi tal-proċedura teżiġi għal dana l-oġġett u fiż-żmien minn din fissat la darba hu jkun f'pożizzjoni li jagħmel dan, għaliex differentement, dina l-liġi, li giet dejjem kunsidrata ta' interess pubbliku, ikun qegħda għal xejn;***

***Xejn iktar m'hu mistenni mill-uffiċjal tal-Qorti inkarigat illi jinnotifika lill-konvenut biċ-ċitazzjoni ħlief li jikkonsenja l-kopja tal-proċedura lil min din tista' ssir u bħala effett ta' dan l-att għalhekk ikunu saru l-intima u t-twissijiet lill-konvenut fil-każ ta' ċitazzjoni, billi l-istess jinsabu inkorporati fiha u hekk kull skrittura tipproduċi l-effett li hija ntiża li tipproduċi bħala effett tal-konsenja tal-kopja relattiva, purchè magħmula kif trid il-liġi.***

Il-Qorti, rat ir-rikors tal-konvenut preżentat fl-erbgħa (4) ta' Frar 1964 li bih, wara li espona li hu kien bagħat lid-difensuri tiegħu l-kopja taċ-ċitazzjoni permezz ta' lavrant tiegħu fiż-żmien utili ħalli tista' ssir in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, iżda

dan il-lavrant naqas milli jwassalha f'dana ż-żmien għax ma kienx jaf bl-importanza u esiġenza *legali relativi, talab li jippreżenta* n-nota ta' l-eċċezzjonijiet li annetta mar-rikors wara li qal ukoll li d-domandi attriċi huma nfondati u semma għaliex u semma l-importanza tal-konsegwenzi jekk jiġu milqugħa;

Omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-sitta (6) ta' Frar 1964, minn fejn jirriżulta li d-difensur ta' l-attur issottometta wkoll, in konnessjoni mat-talba għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, li n-notifika *taċ-ċitazzjoni* hija *nulla* għaliex *mal-konsenja* tal-kopja taċ-ċitazzjoni ma saritx it-twissija rikjesta mil-liġi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi meta xehed il-konvenut ma kkonfermax dak li kien *ġie espost f'ismu*, naturalment fuq informazzjoni tiegħu stess, fir-rikors jewgalmenu s-sens li wieħed jirrikava mill-parti espositiva tar-rikors; minn dan wieħed jifhem li r-rikorrent kien jaf bl-importanza *tat-terminu* legali in kustjoni u kien tort tal-lavrant tiegħu, li ma kienx jaf b'dina l-importanza, li l-kopja taċ-ċitazzjoni ma ġietx konsenjata lid-difensur tiegħu fiż-żmien utili; għall-kuntrarju hu fix-xhieda *tiegħu* qal li ma kienx jaf b'dana t-terminu tant li meta fit-tlieta (3) ta' Frar ikkonsenja l-kopja lil-lavrant biex joħodha għand l-avukat l-idea *kienet biex dan jidher minn floku l-għada (meta ħaseb* li kellha ssir il-kawża) billi hu ma setax jitla' l-Qorti. Dana jfisser li meta hu, fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1964 (kif xehed) *irċeva l-kopja* taċ-ċitazzjoni minn għand martu, ma qagħadx attent għad-data miktuba fuqha bħala l-ewwel smiegħ tal-kawża u l-anqas għal dak li jingħad fil-parti stampata ta' l-istess kopja dwar il-preżentata tan-nota ta' l-eċċez-

zjonijiet jekk ried jopponi t-talbiet ta' l-attur; kieku ried u qgħad attent, għalkemm kien hemm dewmien minn martu wkoll biex tikkonsenjalu l-kopja, hu kien f'pożizzjoni li jikkontesta formalment id-dokumenti attriċi. Fil-ħsieb tal-Qorti dan l-aġir tiegħu, riżultat mix-xhieda tiegħu stess, hu negliġenti u kwindi ma jistax jingħad li hemm xi raġuni valida biex jiġi ammess ħalli jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet: mhux biżżejjed li l-konvenut juri li hu jrid jikkontesta t-talbiet ta' l-attur iżda hemm bżonn ukoll li hu jagħmel dak li l-liġi tal-proċedura tesiġi għal dana l-oġġett u fiż-żmien minn din fissat la darba hu jkun f'pożizzjoni li jagħmel dan, għaliex differentement dina l-liġi, li ġiet dejjem kunsidrata ta' nteress pubbliku, tkun qegħda għalxejn;

Omissis.

Illi skond ma ġie sottomess waqt it-trattazzjoni orali dina n-nullità tan-notifika hija magħmula tidderiva mill-fatt li, fil-mument li dina saret, l-uffiċjal inkarikat mill-istess notifika ma għamilx it-twissijiet li l-marixxal hu nġjunt jagħmel skond il-formola taċ-ċitazzjoni; dina t-twissija, skond l-istess sottomissjonijiet, għandha ssir verbalment waqt il-konsenja tal-kopja mill-uffiċjal inkarikat minn notifika lill-persuna li lilha dina l-kopja tiġi konsenjata, u nġibed argoment favur dina t-teżi mill-fatt li fil-formola taċ-ċitazzjoni l-kliem stampat fil-parti finali ta' l-istess kien ġie mibdul skond l-emenda apportata bl-Ord. XXXI tal-1934 meta ġie nkluż kliem proprju fis-sens ta' dina t-twissija u ċioè l-proċedura li l-konvenut irid isegwi (i.e. jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet żmien jumejn utili qabel il-ġurnata tas-smiegħ tal-kawża) jekk irid jikkontesta t-talba;

Illi fil-ħsieb tal-Qorti t-tibdil ta' dina l-formola m'hix argument favur it-teżi attriċi billi l-kustjoni dejjem tibqa' tirrigwarda l-forma li għandha tirrivesti n-notifika la darba anke qabel l-emenda in kustjoni lill-uffiċjal inkarikat (fil-fatt jissemma l-Marixxall) kienet issir intima li jrid jagħmel twissija lill-

konvenut u kwindi l-argoment kien jeżisti biss kieku saru xi regoli ġodda rigwardanti kif għandha ssir l-istess twissija; f'dana r-rigward ma sar xejn, biss oltre t-twissijiet li kienu jsiru qabel (dejjem skond il-formola No. 6 Ċitazzjoni) kellha tibda ssir dina t-tmissija ulterjuri;

Illi l-proċedura taċ-ċitazzjoni hi regolata fl-artikoli 153 sa 160 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili apparti milli hi regolata minn artikoli oħra komuni għal proċeduri oħrajn; il-kontenut taċ-ċitazzjoni hu kontemplat fl-art. 153 u 164 fejn jissemma biss l-ordni lil Marixall ħalli jħarrek lill-konvenut biex jidher fil-jum u ħin fissati għas-smiegħ tal-kawża salv li l-attur għandu *jfisser ċar* u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba (art. 155) u l-kondotta tal-konvenut skond jekk irid jikkontesta l-kawża hija stabbilita fl-artikolu 158; fil-formola stampata jissemma dan l-ordni lill-marixall u hemm il-vojt fejn jissemmew l-oġġett u r-raġuni tat-talba u mbagħad hemm stampati l-kliem li jirriproduċi l-atteġġjament riferit li jrid jieħu l-konvenut. Minn dan hu evidenti li l-vot tal-proċedura skond l-artikoli speċifiċi relativi tal-liġi kien ikun sodisfatt kieku l-parti stampata ma kienetx teżisti; jidher però li l-leġislatur li pprepara l-formola, li għandha tintuża f'dina l-proċedura ħaseb ukoll li jiġbed l-attenzjoni tal-konvenut għal dak li jrid jagħmel biex jikkontesta l-kawża u hekk ġie mar oltre minn dawk li sostanzjalment iddisponi fil-korp stess tal-liġi. Ebda distinzjoni però m'hemm la fil-liġi stess u l-anqas fil-formola dwar dawnaż-żewġ partijiet taċ-ċitazzjoni, dik li jipprepara l-attur u dik stampata, dwar il-mod kif għandha ssir in-notifika relattiva: kif din in-notifika għandha ssir tinsab fil-liġi u tirrigwarda ċ-ċitazzjoni bħala tali, u ċioè bħala unità formata miż-żewġ partijiet li ssemmew, u kwindi ebda proċedura speċjali jew differenti ma jista' jingħad li teżisti dwar il-waħda u l-oħra minn dawn il-partijiet, u n-notifika li ssir tkun tikkomprendi l-ordni lill-marixall biex iħarrek lill-konvenut ħalli jidher u jgħid għaliex it-talba m'għandiex tiġi milqugħa u anke biex iwissih ta' dak li għandu jagħmel jekk irid imur kontra dina t-talba. Huwa l-

artikolu 186 li jgħid kif issir in-notifika ta' l-iskritturi, kif inhi ċitazzjoni, li skond l-artiklu 156, għandha tiġi notifikata lill-konvenut; dan isir bil-konsenja ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li għandha tiġi notifikata jew titħalla kopja għaliha ma xi ħaddieħor skond ma tgħid l-istess liġi, salv li ebda rregolarità ma titqies li tkun saret jekk jinsab li fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li għandha tkun notifikata. Dawn l-aħħar kliem juru li xejn iżjed m'hu mistenni mill-uffiċjal inkarikat ħlief li jikkonsenja l-kopja tal-proċedura lil min din tista' ssir u bħala effett ta' dan l-att għalhekk ikunu saru l-intima u t-twissijiet lill-konvenut fuq riferiti fil-każ ta' ċitazzjoni, billi l-istess jinsabu nkorporati fiha u hekk kull skrittura tipproduċi l-effett li hija ntiża li tipproduċi bħala effett tal-konsenja tal-kopja relattiva, purkè magħmula kif trid il-liġi; ebda ħaġa ma ntqalet f'dana s-sens b'riferenza għaċ-ċitazzjoni ta' l-lum u *hekk il-konvenut ġie regolarment, permezz tal-marixall* jew tal-purtier flok dan, ordnat biex jidher biex iwieġeb għat-talbiet attriċi u mwissi kif għandu jagħmel ħalli jkun jista' hekk iwieġeb. Li għandu jkun hekk jirriżulta anke mid-diċitura tal-formola stess (Nru. 6) billi proprju fiha jinsab stampat il-kliem li l-marixall ikun għamel skond l-ordnijiet tal-Qorti (i.e. li jħarrek u jwissi) billi jagħti kopja taċ-ċitazzjoni lill-konvenut jew lil ħaddieħor għalih skond il-liġi, u r-riferta tirriproduċi l-istess idea meta tiżgura li saret in-notifika bil-konsenja tal-kopja lill-persuna li tiġi speċifikament imsemmija, fis-sens ta' l-artiklu 187. Hekk jiġi li mhux biss l-emenda fil-parti *stampata tal-formola taċ-ċitazzjoni* ma apportat ebda emenda dwar il-mod kif tiġi effettwata n-notifika taċ-ċitazzjoni f'dak kollu li tinvolvi, biex minn din il-konvenut jirrikava xi argoment favur it-teżi tiegħu, iżda tiġi tgħarrqu iżjed billi mħabba fiha beda jiġi ndikat aħjar dak li hu kellu jagħmel biex jikkontesta t-talba tal-attur (li qabel ma kienx jidher fil-formola *għalkemm indikat fil-korp tal-Kodiċi)* u li hu, nonostante din l-emenda, l-anqas ma għamel;

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti tiddikjara li n-notifika taċ-ċitazzjoni saret regolarment lill-konvenut u li m'hemmx raġuni biżżejjed li tiġġustifika lil dan fin-nuqqas tiegħu li ma jippreżentax fit-terminu legali n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, u konsegwentement tiċħad it-talba tiegħu biex jiġi ammess ħalli jippreżenta dina n-nota u hekk tiddisponi finalment minn dina t-talba avanzata fir-rikors riferit tal-erbgħa (4) ta' Frar 1964;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.